# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 51/2011

## tal-20 ta' Mejju 2011

## li tamenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/2010 tat-30 ta' April 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1020/2009 tat-28 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fertilizzanti bl-iskop li jiġu adattati l-Annessi I, III, IV u V tiegħu għall-progress tekniku ([2]) għandu jiġi inkluż fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jinżied fil-punt 1 (Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIV tal-Anness II mal-Ftehim:

"— **32009 R 1020**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1020/2009 tat-28 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 282, 29.10.2009, p. 7)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1020/2009 bl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*L-Aġent President*

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 181, 15.7.2010, p. 13.

([2]) ĠU L 282, 29.10.2009, p. 7.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.